KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 08

**It-Tnejn 09 ta' Diċembru 2024**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dale Hayman – Sindku
Len Abela Vassallo – Viċi Sindku
Antoine Vella – Kunsillier
Simon Fenech – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Anton Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Shawn Tanti – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 08.1 Qari tal-Apoloġiji

08.1.1 Is-SE informa li kien hemm ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Anton Mifsud.

### 08.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

08.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżenta l-minuti tal-laqgħa numru 7 li kienu meqjusa moqrija

08.2.2 Il-minuti tas-seduti ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 08.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

08.3.1 Is-Sindku nforma li saret il-purcissjoni tat-tfal tal-iskola primarja.

08.3.2 Is-Sindku nforma li fis-16 ta' Diċembru ser issir il-Purċissjoni mal-Kappillan.

08.3.3 Is-Sindku nforma li fit-12 ta' Diċembru kien ser jiltaqa l-Kunsill tat-tfal.

08.3.4 Is-Sindku nforma li kienet ser issir ħarġa għal-presepji madwar Malta.

### 08.4 Mtarfa ClubHouse

08.4.1 Is-SE qara l-korrispondenza li kienet inbgħatet lil-President tal-Club tal-Mtarfa FC s-Sur Angelo Borg fejn spjega li kien hemm 4 pagamenti tal-kera b'lura. Wara diskussjoni bejn il-Kunsilliera, il-Kunsill qabel li għandna niktbu lil-president tal-Club li sa l-aħħar ta' Jannar irid ikun sar nofs il-pagament dovut, iġifieri Eur 1398 kif ukoll għandu jsir ħlas ta Eur 700 f'kull xhar ta wara sakemm il-bilanċ jiġi zero.

08.4.2 Il-Kunsilliera qablu li għandha tintbgħat dak mifthiem mil-aktar fis-possibbli.

### 08.5 Policy Sinjali tat-Toroq

08.5.1 Wara diskussjoni fuq jekk il-Kunsill għandux jagħmel policy waħda bħala linja gwida wara każ li seħħ fi Triq partikolari, is-Sindku propona sabiex fejn jista jkun ma jintilfux parkeġġ u għaldaqstant għandna dejjem l-ewwel naraw insibux kompromess mar-residenti u għaldaqstant din se tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

08.5.2 Il-Kunsilliera qablu li dan għandu jsir.

## 08.6 Toroq Infrasructure Malta

08.6.1 Il-Kunsill qabel li għandna nkelmu lil-IM għax l-Kunsill Lokali tal-Imtarfa jixtieq li jżid mat-talba li kien għamel oriġinarjament għal bini ta' toroq ġodda madwar l-Imtarfa.

Dawn huma l-lista skond il-prirjorita tal-Kunsill Lokali

- Numru ta' Sleeping Policmen sabiex jitneħħew jew jitbaxxew
- Triq l-Imtarfa (Tinqasam fi 3 Biċċiet)
- Triq is-Sardinell
- Trejqet il-Ġiżimin
- Triq il-Ġizi
- Triq il-Gladjoli

08.6.2 Il-Kunsilliera qablu li għandu jintbagħt email b'dak diskuss.

## 08.7 Punti Oħra

08.7.1 Il-Kunsillier Simon Fenech staqsa jekk nistawx nifthu access tal-Hajt li hemm fejn il-bandli anke ħabba sigurta. Is-Sindku wieġeb li dan il-ħajt ma jistax jitmess.

08.7.2 Il-Kunsillier Antoine Vella staqsa fuq update għal istudju tal-immanġijar tat-traffiku. Is-SE wieġeb li kien intbgħat email għal-kwotazzjonijiet u kif ikollna r-risposta se niltaqgħu fuq il-post sabiex tibda issir l-evalwazzjoni neċċessarja.

08.7.3 Il-Kunsillier Simon Fenech sostna li ghandu jingieb warden hdejn ir-roundabout int u hiereg minn Nigret u fi Triq L-istazzjoni.

## 08.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

08.8.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 07/2024), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Abela propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Fenech issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 08.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

08.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:20pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 6 ta' Jannar 2025 fis-1830.

Dale Hayman — Shawn Tanti

Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv